MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2199/2003

**Santo Liotta**

**vs**

**Simon Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fil-31 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' erba' mija u tletin lira Maltin (Lm430.00) jew somma ohra verjuri minnu dovuti bhala bilanc fuq somma akbar rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' "gypsum" maghmul mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut fil-fond bl-isem "Vista Point C", Triq il-Batterija, Taz-Zonqor, Marsaskala.**
**Ghalkemm debitament interpellat sabiex jaffettwa l-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti,**

**Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat fis-27 ta' Frar, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja talk-konvenut it-Tribunal qed jilqa it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tletin lira (Lm430.00) bl-imghax legali mit-30 ta' Jannar, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------